# Pass Pass Tul is-Sena Vokazzjonali

sem&u

April 2020
Ħarġa nru 13

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

Fl-aħħar pubblikazzjoni rajna x'inhi l-vokazzjoni: li kull bniedem għandu sejħa partikolari. Rajna x'għandu jagħmel kull bniedem biex jiskopri x'inhi s-sejħa tiegħu. Din is-sejħa hija mod kif jien ngħix ħajti ħalli nibni ħbiberija m'Alla u nasal għall-qdusija. Issa jmiss li naraw kif ser inwettaq din is-sejħa li skoprejt.




## X'jgħidilna l-Papa Franġisku

Nixtieqkom tkunu tafu li meta l-Mulej jaħseb f'xi ħadd, f'dak li jixtieq jirregalalu, hu jaħseb fih bħala **ħabib personali** tiegħu. U jekk qatagħha li jirregalalek grazzja, **kariżma li sa tgħinek tgħix ħajtek fil-milja tagħha** u tinbidel f'persuna għall-qadi tal-oħrajn, f'xi ħadd li se jħalli marka fl-istorja, din żgur mhux forsi ħa **tkun ħaġa li tferrħek fil-ġewwieni tiegħek** u theġġek iżjed minn kull ħaġa oħra f'din id-dinja. Mhux għax dik li se jagħtik hi xi kariżma straordinarja jew rari, imma għax sa tkun **skont il-qies tiegħek**, għall-qies ta' ħajtek kollha.

*Meħuda mill-Christus Vivit, ittra ta' Papa Franġisku ndirizzata liż-żgħażagħ*

## X'għandi nagħmel

- ☐ Nagħżel persuna matura li tista' takkumpanjani u tgħinni nifhem dak li l-Mulej qed isejjaħli biex nagħmel f'ħajti. Dan jissejjaħ direttur spiritwali.
- ☐ Nafda f'Alla u nemmen li hu jħobbni, nagħmel l-għażla li nwieġeb għas-sejħa li qed jagħmilli u ngħixha kontinwament bil-ferħ.
- ☐ Ma naqtax qalbi mid-diffikultajiet li nista' naffaċċja għax il-Mulej hu dejjem miegħi.

## Talba

Missier Qaddis, sejjaħ aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħek. Lil dawk li ssejjaħ, għinhom jisimgħu u jilqgħu l-istedina tiegħek. **Lil dawk li jilqgħu l-istedina tiegħek, agħtihom li jirbħu l-biża' u t-tfixkil li jiltaqgħu miegħu fit-triq.** Lil dawk li jinsabu fit-triq, agħamilhom ħaddiema dejjem aktar qaddisa u ħabrieka għal Ibnek Ġesu'. Ammen.

Il-Komunità tas-Seminarju tixtieq tirringrazzja
lill-benefatturi kollha li kontinwament qed isostnu lis-Seminarju tagħna
bit-talb kif ukoll bl-għajnuna materjali.

## "Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna" (Salm 33:22)



"Ħenn għalina, Mulej, ħenn għalina!" Hi t-talba tal-Knisja li l-aktar tidwi matul iż-żmien tar-Randan. F'dawn l-aħħar żminijiet, immarkati bil-pandemija tal-COVID-19, din it-talba tieħu tifsira aktar profonda. Il-marda ġabet id-dinja kollha għarkupptejha. Minkejja l-progress kbir li sar, inkluż fil-qasam tas-saħħa, indunajna kemm aħna tassew dgħajfa u fraġli. Imdawlin bis-sebħ tal-Qawmien, aħna nħarsu dejjem b'tama 'il quddiem.

Il-pandemija nisslet ħafna biża' u ansjetà. Quddiem dawn l-avvenimenti iebsa u diffiċli, diversi persuni kkummentaw fuq il-midja soċjali kif din it-traġedja tista' tgħin lis-soċjetajiet tagħna jiskopru mill-ġdid valuri tant sempliċi u essenzjali li bħal donnu maż-żmien tpoġġew fil-ġenb. Fost dawn, insibu l-valur tar-relazzjonijiet familjari u soċjali, il-valur tal-ħajja fid-dar, is-sigurtà tax-xogħol, il-ġid komuni, is-saħħa fiżika, u tant oħrajn.

Iż-żmien li qed ngħixu x'tista' jgħidilna bħala Poplu ta' Alla? Inħoss li, qabelxejn, din is-sitwazzjoni tgħinna niskopru il-virtujiet teologali (fidi, tama u mħabba). Il-karba għall-għajnuna ta' min hu marid issir espressjoni ta' talba aktar profonda tal-qalb tal-bniedem, li jagħraf li waħdu ma jistax isalva. Il-biża' u l-insuffiċjenza li qed ngħixu quddiem il-mard, jgħinuna nħossu aktar il-bżonn tal-oħrajn u xejn inqas il-bżonn tas-servizzi tal-istat, li spiss nieħdu *for granted* u bi dritt. Mill-aspett reliġjuż, aħna nħossu l-bżonn ta' Alla għax nemmnu li fuq kollox hemm Alla li hu Mħabba, u li kull ġrajja tal-eżistenza tagħna, anke jekk iebsa, issib il-milja tagħha fiH.

Inħoss li din l-esperjenza tgħinna nifhmu aħjar x'inhi u min hi l-Knisja. Ma kienx faċli nwaqqfu l-quddies fil-pubbliku u l-ħidma pastorali attiva, għax f'mumenti li jbeżżgħuna, aktar kellna bżonn li naraw li Alla "mhux imbiegħed minna". Imma dan "in-nuqqas ta' Alla" fil-liturġija u l-pastorali għinna nindunaw aktar bil-valur tat-talb personali u t-talb fil-familja; ixxennaqna aktar għall-Ewkaristija; erġajna skoprejna l-valur tat-talb devozzjonali.

Indunajna kemm tassew il-Knisja mhix "klerikali". Il-mard ħareġ aktar fid-dieher l-impenn ta' kuljum ta' ħafna Nsara impenjati fil-ħajja pubblika. Dan narawh, pereżempju, fir-responsabilitajiet kbar li jridu jassumu l-politiċi; fl-impenn bla ma jaqta' u s-servizz delikat ta' tant membri li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa pubblika u fil-korpi dixxiplinati. Il-Knisja mhix preżenti biss fil-qassisin jew fil-liturġija, imma fuq kollox permezz ta' wliedha li, fl-eżerċizzju tal-ħajja u l-ħidma tagħhom ta' kuljum, jagħmlu preżenti l-misteru tal-Knisja fid-dinja (ara *Evangelii Gaudium* 102).

Esperjenza oħra qawwija li ġġegħelna naħsbu, almenu lilna s-saċerdoti, hi l-fatt li f'dawn il-ġimgħat ħafna minna s-saċerdoti "spiċċajna bla xogħol", fis-sens li l-ministeru tagħna, ħafna drabi mmarkat mill-attività pastorali, kellu jingħata l-ġenb. Għad li ċerta ħidma ministerjali baqgħet sejra, speċjalment dik tal-"karità", aħna s-saċerdoti kellna ċans nirriflettu aktar fuq modi differenti ta' kif nezerċitaw il-ministeru presbiterali tagħna, anke permezz tal-midja soċjali.

Fiż-żiffa ħelwa (1 Slat 19:12-13) jew fin-nar jaqbad (Eż 3:2), il-Mulej jibqa' jkellem lill-Poplu tiegħu. Dan hu ta' faraġ kbir għalina, li Alla ma jitlaqniex għal rieħna. Quddiem il-biża' u l-qtigħ il-qalb, nerfgħu mill-ġdid it-talba fiduċjuża tagħna lill-Mulej u ngħidulu: "Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna" (Salm 33:22).

Dun Giovanni Curmi
*Pastoral Mentor*

*Ritratt: Il-Kurċifiss Mirakoluż espost fi Pjazza San Pietru waqt il-Mument Straordinarju ta' Talb nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020*

Il-Bord Editorjali, l-Edukaturi tas-Seminarju u s-Seminaristi jawguraw
*l-Għid it-Tajjeb*
lill-qarrejja, lill-ħbieb u lill-benefatturi kollha tas-Seminarju.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar saret laqgħa ta' formazzjoni dwar *fitness and well-being* mis-sinjura Pippa Xuereb.

Bejn it-18 u s-26 ta' Jannar sar talb speċjali għal ħutna l-Insara fl-okkażjoni tal-ġimgħa ekumenika.

L-ewwel semestru ġie fi tmiemu nhar is-Sibt 1 ta' Frar. Wara l-eżamijiet il-komunità qattgħet tlett ijiem ta' mistrieħ ġewwa Malta.



Il-Ħadd 26 ta' Jannar, fl-okkażjoni tal-Ħadd tal-Kelma t'Alla, is-seminarista Gabriel Vella ngħata l-ministeru tal-lettorat mill-E.T Mons. Mario Grech, fil-knisja parrokjali ta' Sannat.



Nhar is-Sibt 8 ta' Frar, sar seminar għas-seminaristi mill-Fraternità Franġiskana ta' Fr Hayden Williams OFM Cap. Dan sar bi preparazzjoni għall-*outreach* li l-komunità għamlet fir-Randan. Wara s-seminar il-fraternità mexxiet siegħa adorazzjoni.



Bejn l-10 u s-16 ta' Frar saret Ġimgħa Vokazzjonali fil-parroċċa tal-Katidral. Il-Ħamis 13 ta' Frar il-komunità animat il-quddiesa u l-adorazzjoni b'talb għall-vokazzjonijiet.

Nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar ingħata bidu għal serje ta' laqgħat informattivi bl-isem *Medico-Moral problem and Health Pastoral Care*.

Nhar it-Tlieta 25 ta' Frar bdejna il-mixja tar-Randan billi saret it-tħabbira tar-Randan mir-Rettur Fr Richard Farrugia ġewwa l-kappella tas-Seminarju.

Nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu, ġew mistiedna l-membri tal-grupp djoċesan tal-vokazzjonijiet, għal logħba futbol flimkien magħna s-seminaristi.



Bħala tħejjija għall-esperjenza ta' *outreach,* nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu s-seminaristi kellhom adorazzjoni u *sharing* flimkien ma' Ray u Chris, li huma żewġ membri tal-komunità Franġiskana.

Nhar is-Sibt 7 ta' Marzu filgħodu, il-komunità laqgħet lis-seminaristi Maltin, fejn kellna nofstanhar ta' fraternità flimkien.

Dakinhar saret l-esperjenza tal-*outreach* ġewwa l-Parroċċa tan-Nadur bl-isem "Dawl tul il-Lejl", fejn fiha s-seminaristi flimkien ma' Ray u Chris ħarġu f' missjoni ta' evanġelizazzjoni ġewwa l-istabilimenti li jinsabu fl-pjazza u l-inħawi tal-madwar. Fl-istess waqt ġewwa l-Knisja kienet għaddejja adorazzjoni fis-skiet sal-ħin ta' nofsillejl.

Nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu ċċelebrajna l-34 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-kappella tas-Seminarju. Filgħaxija s-seminaristi bħala parti mill-programm tal-attivitajiet tar-Randan organizzaw adorazzjoni tas-Salib għall-grupp djoċesan tal-vokazzjonijiet +16. Il-laqgħa kompliet bl-ikel u mument ta' logħob flimkien.



# Is-Seminarju u l-Covid-19

L-imxija tal-Covid-19 biddlet ir-ritmu tal-ħajja tan-nies kollha madwar id-dinja f'ħakka t'għajn. Nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu ħarġu sett ta' miżuri mid-Dipartiment tas-Saħħa li wasslu biex is-Seminarju ħa d-deċiżjoni li s-seminaristi jingabru fi djarhom bħala privenzjoni u minn hemm beda programm ta' formazzjoni straordinarja. Ħafna mill-formazzjoni issa qed issir permezz tal-mezzi soċjali. Din l-imxija affettwat ukoll l-esperjenza tas-sena intermedjarja ta' tnejn mis-seminaristi sħabna. Tlabnihom jiktbulna ftit l-esperjenza tagħhom f'dan iż-żmien partikolari.

## MATTHEW BAJADA

Fit-triq vojta u ħiemda lmaħt raġel liebes maskra protettiva, għaddej jippassiġġa bil-kelb tiegħu. Is-soltu minn din it-triq ta' kuljum jgħaddu għexieren ta' karozzi, iżda llum differenti. Din hi x-xena li qiegħed ngħix jien u ħafna oħrajn f'dawn l-aħħar ġimgħat fejn il-ħruġ mid-dar huwa limitat. Nimmaġina li ndunajtu għal liema sitwazzjoni qed nirreferi. Attwalment jien qiegħed nagħmel sena intermedjarja oħra, din id-darba fil-komunità "Casa del Giovane" hawn f'Pavia l-Italja. Din hija komunità terapewtika u rijabilitattiva li tilqa' fiha persuni bid-dipendenzi tad-droga, alkoħol, u logħob tal-azzard fost l-oħrajn. Għaddew sitt xhur u nofs minn meta bdejt din l-esperjenza, fejn iltqajt aktar ma' Alla, miegħi nnifsi, u mal-proxxmu. Qatt ma bsart li kellha tasal din is-sitwazzjoni drammatika ta' mard li f'dawn l-aħħar xhur iddominat lid-dinja kollha. Għaliex Alla qiegħed jippermetti dan kollu? Inħoss li ħareġ għad-dawl il-fatt li l-bniedem m'huwiex meqjus f'dak li jagħmel, iżda f'dak li verament hu. Dawn il-ġranet mimlijin tensjoni u paradossi qiegħdin juruna li l-waqfa mir-rutina tas-soltu tikxef fina d-dgħufijiet u l-mod ta' kif warrabna dak li tassew jiswa. Dan iż-żmien qiegħed isejħilna biex, fiduċjużi f'Alla, noħorġu minn kull atteġġjament ta' egoiżmu u superjorità biex ngħixu b'atteġġjament solidali ma' ħutna l-bnedmin. Alla ma jitlaqniex għal rasna iżda jsemma leħnu li jinfed u jasal ħdejn id-dgħufija tagħna. It-toroq huma vojta iżda Alla qiegħed jistedinna biex inkomplu nimxu fit-'toroq' rispettivi tagħna. Filwaqt li nirringrazzjakom tal-ħsieb u t-talb tagħkom, nawguralkom l-Għid it-tajjeb. Nemmen li f'dan l-Għid differenti mill-oħrajn Alla xorta waħda jixtieq ikellimna. Il-figura ta' Kristu Rxoxt f'dan iż-żmien partikulari tgħinna nirxuxtaw lill-fidi tagħna fiH ħalli b'hekk mingħajr l-ebda biża' ngħixu skont ix-xewqa tiegħU.



## JOSEPH BAJADA

L-esperjenza tiegħi tas-sena barra bdiet nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2019, fejn wara vjaġġ qasir wasalt fil-Parroċċa *SS. Sacramento,* li tinsab fil-lvant ta' Ruma.

F'din l-esperjenza jien kont qiegħed ngħix mal-kappillan tal-parroċċa, Don Maurizio Mirilli, flimkien ma' erba' qassisin oħra li jgħixu fl-istess *rectory* tal-parroċċa. Wara ftit ġimgħat li għenuni nsir aktar familjari mal-ħajja pastorali tal-parroċċa, pass wara pass bdejt inkun aktar attiv u involut fid-diversi gruppi tal-parroċċa fosthom; fil-grupp taż-żgħażagħ, fl-Oratorju tal-parroċċa u anke fl-iskwadra tal-futbol tal-parroċċa. Barra minnhekk, kont nagħti wkoll sehmi fil-liturġija tal-parroċċa u anke f'inizjattivi oħra bħal żjajjar lill-anzjani u l-morda, lil nies bla dar u oħrajn. Aspett ieħor fundamentali ta' din l-esperjenza kienu l-kollokji vokazzjonali li kont nattendi kull ġimgħa, u li kienu jservu bħala gwida li kompliet tgħinni nikber u niddixxerni.

Minħabba din il-pandemija ħarġu direttivi li llimitaw ħafna mill-pastorali, attivitajiet u gruppi li kont nattendi. Fil-fatt jien kont ngħin ftit fejn nista' speċjalment fil-*livestreaming* tal-quddiesa. Eventwalment is-sitwazzjoni mondjali wasslitni biex nissospendi din l-esperjenza u nirritorna lura lejn Għawdex.

Issa li ninsab lura Għawdex minħabba din is-sitwazzjoni, bħal sħabi s-seminaristi qed inkompli ngħix il-formazzjoni tiegħi mid-dar. Quddiem dan kollu, waqt li nittama li s-sitwazzjoni madwarna taqleb għall-aħjar, nirringrazzja lil Alla ta' dak kollu li għext tul din l-esperjenza!

